Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9194 — Sharp Corporation/Skytec UMC Ltd)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 418/08)

1. Fit-12 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sharp Corporation (il-Ġappun), ikkontrollata minn Hon Hai Precision Industry CO., Ltd,

— Skytec UMC Ltd (Ċipru), ikkontrollata b'mod konġunt minn Sharp Corporation u Skytec Group Limited.

Microsoft Corporation takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Skytec UMC Ltd kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sharp Corporation: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' diversi prodotti elettroniċi, inklużi settijiet tat-televiżjoni bil-liquid crystal display ("LCD"), moniters tal-LCD, pannelli solari, handsets mobbli ta' komunikazzjoni, proġetturi tal-vidjow, tagħmir tal-istampar multifunzjonali, fran tal-microwave, kondizzjonaturi tal-arja u cash registers. Minbarra prodotti tad-ditta proprja tagħha, Sharp Corporation tipproduċi ċerti prodotti elettroniċi għall-konsumaturi għal terzi persuni.

— Skytec UMC Ltd: id-disinn, il-manifattura u d-distribuzzjoni ta' settijiet tat-televiżjoni bil-marki tad-ditta tagħha stess, il-marka tad-ditta Sharp u marki tad-ditta ta' terzi persuni. Hija tbigħ ukoll smartphones, prodotti tal-awdjo u apparat domestiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9194 — Sharp Corporation/Skytec UMC Ltd

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.